**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Gunju 2021**

**Kawza nru : 161/2020 AGV fl-ismijiet;**

**AB**

**Vs**

**Dr. Leontine Calleja u PL Liliana Buhagiar mahtura bhala kuraturi deputati ghal assenti CD b' digriet tal-5 ta' Ottubru 2020.**

Il-Qorti rat ir-Rikors guramentat tar-rikorrenti datat 5 ta' Ottubru, 2020 fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-5 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax, fix-Xaghra Ghawdex, skont kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru 2892, kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok A.

2. Illi ftit wara li gie celebrat dan iz-zwieg, l-intimata abbandunat lill-esponenti u telqet minn Malta minghajr ebda avviz.

3. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi stante li l-kunsens tal-intimat kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghhom jew b'anomalija psikologika serja. Illi ghamiltha impossibbli biex taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att taz-zwieg tal-1975.

4. Illi apparti minn hekk u minghajr pregudizzju ghal dak li gie sottomess, iz-zwieg tal-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi ai fini tal-artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kunsens tal-intimata inghata bl-esklusjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant l-esponent in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex:-

a. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fil-5 ta' Dicembru elfejn u tmintax, huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi.
b. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' tal-att taz-zwieg numru 2892 tas-sena elfejn u tmintax.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' Dr. Leontine Calleja u PL Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati ghal CD datata 27 ta' Ottubru elfejn u ghoxrin fejn eccepew bir-rispett:-**

1. Fl-ewwel lok l-esponenti qed jirrileva li huma mhux eddotti mil-fatti u ghalhekk jirrizervaw il-posizzjoni taghhom ghal risposta ulterjuri fl-eventwalita' li jkollhom kuntatt mal-assenti minnhom irrapprezentati.

2. Illi huwa l-attur li ghandu l-piz tal-prova u cioe' permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti, illi t-talbiet tieghu ghandhom jigu milqugha.

3. Illi l-esponenti jitolbu mil-ewwel ghad-dettalji ta' indirizz postali jew elettroniku jew telefon, halli jkunu jistghu jaghmlu kuntatt mal-assenti minnhom rapprezentati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur, ingunt minn issa in subizzjoni.

## <u>FATTI</u>

1. L-attur iltaqa' mal-konvenuta tramite l-mara ta' habib tieghu. Kienet giet Malta ghall-vakanza. Kienu ltaqghu gimgha shiha flimkien u baqghu in kuntatt. Kienet regghet nizlet mir-Russja fl-istess sena. Kienu jixtiequ li jghixu flimkien hawn Malta u kien sar ihobbha u fl-2018 kien

ipproponielha li jizzewwgu u fil-fatt kienu zzewwgu fil-5 ta' Dicembru, 2018. Ighid li z-zwieg taghhom kien inghata bhala donazzjoni mill-boss tieghu EF u kellhom ikla u kienu hu u EF li organizzaw kollox. Meta l-konvenuta kienet giet tghix hawn Malta, ma kinitx tahdem u l-attur kien izommha fuq wicc l-idejn u ma kien ihalliha nieqsa mix-xejn.

Biex thossha « at home » kien iheggigha sabiex tarma l-post tieghu kif trid hi. Maz-zmien ried jibni familja, izda meta kien issemmilha dan is-suggett bdiet tevita l-ideja u kienet titolbu z-zmien. L-attur kien anzjuz peress li hu diga' kellu 45 sena, filwaqt il-konvenuta kellha 40 sena.

Ighid li l-konvenuta kienet titla' regolari r-Russja, minkejja li kienet weghditu li kienet ser tqatta' iktar hin hawn Malta. Jekk ghamlet tmint ijiem Malta wara li zzewwgu. Izda gara mbaghad kienet bdiet taqta' kuntatt mieghu sakemm qatghet kompletament. Kien jipprova jikkomunika maghha tramite Facebook u Messenger. Illi l-ahhar li telqet minn Malta kienet infurmatu li kienet ser tigi lura f' Dicembru, 2019, izda dak iz-zmien kienet issib hafna skuzi, imbaghad kienet waqqfet ghal kollox tikkomunika mieghu. Hekk ma setax jibni familja u hajja flimkien meta l-konvenuta kienet abbandunatu. L-ahhar li kien kellimha kien baqa' jcempel fuq messenger u fl-ahhar irrispondiet. Kien qalilha li kien ser ikompli bis-separazzjoni u m'oggezzjonatx ghax ma kellix interess tigi lura Malta.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>Dina l-Qorti mhix ser tidhol fil-konsiderazzjonijiet tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 u dan stante l-fatt li apparti li l-provi huma limitati,</u>**

**fl-assjem taghhom zgur ma jinkwadrawx ruhhom taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.**

**Nullita' taht l-Artikolu 19(1)(f)**

> ***« f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. «***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[1]:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[2] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[3], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002

[3] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[4]:-

***"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra".***

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

**"… rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[5], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"***komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied***"[6] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[7] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

---

[4] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994
[6] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-partijiet zzewwgu fil-5 ta' Dicembru, 2018 u l-konvenuta damet ftit zmien hawn u kienet terga' titlaq lejn ir-Russja. It-tieg kien organizzat mill-attur u l-boss tieghu E F minkejja li kien jipprova jhajjar lill-konvenuta tarma l-post taghhom kif trid hi biex thossha komda.

Jirrizulta ukoll li l-konvenut kienet tevita d-diskors fuq it-tfal meta kien iqajjem is-suggett l-attur. Kienet baqqghet twieghdu li kienet ser tigi lura Malta f'Dicembru, 2019, izda qatt ma giet, anzi qattghet kull kuntatt mal-attur.

Il-konvenuta ma pprezentat ebda provi biex tirribatti l-verzjoni tal-attur. Effettivament, dan iz-zwieg ma damx iktar minn sena u l-konvenuta iktar ghamlet zmien ir-Russja milli hawn Malta.

Ghaldaqstant, in vizta ta' dan huwa impossibbli li l-konvenuta qatt kellha l-intenzjoni li tibni hajja matrimonjali mal-attur u iktar u iktar tibnieh fuq l-elementi essenzjali tieghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-konjugi fil-5 ta' Dicembru, 2018 null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota l-istess nullita fl-Att taz-zwieg numru 2892/2018.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**Rita Vella Baldacchino**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella**